# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 10 ta' Novembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs**

**Abdul Halim Tajaldin Yahya 19O-059**
**Omissis**
**Mohamed Atum 19JJ-046**
**Adel Matason 19UU-038**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Abdul Halim Tajaldin Yahya** 19O-059 ta' Nazzjonalita Sudaniza mwieled 25 ta' Jannar 1997 gewwa Sudan, iben Tajaldin u Hadija Residenti Hal-Far;

**Omissis**

**Mohamed Atum** 19JJ-046 ta' nazzjonalita Sudaniza mwieled 2001 gewwa Sudan, imwieled Sudan, iben Atum u Fatima residenti Hal Safi; u

**Adel Matason** 19UU-038 ta’ nazzjonalita Sudaniza mwieled 01 ta’ Lulju 1999 gewwa Sudan, iben Motosin u Haluija residenti Hal Safi.

Akkuzati talli fit-22 ta’ Ottubru 2020 u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta’ qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer;

1. Gewwa t-Terminal tal-Virtu Ferries, bħala persuni illi mbarkaw jew żbarkaw, minn jew ġo Malta naqsu illi jagħtu lill-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jeħtieġ;

2. U talli fl-istess data, lok u cirkustanzi, bil-moħbi mbarkaw u bahhru ma’ bastiment, jew ippruvaw bil-moħbi jimbarkaw biex ibahhru ma’ bastiment, mingħajr il-kunsens jew tas-sid jew tal-kaptan tal-bastiment, jew ta’ uffiċjal jew persuna oħra inkarigata mill-bastiment, jew ta’ xi persuna oħra li jkollha d-dritt li tagħti dak il-kunsens;

3. U talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, naqsu li jidhlu gewwa xi area maghluqa ta’ port jew li hargu minnha mill-postijiet tad-dhul jew hrug mahsuba ghal hekk u waqt li kienu f’dik l-area jew fuq dak il-moll, naqsu milli jharsu dawk l-ordnijiet li jistghu minn zmien ghal zmien jinghataw mill-Awtorità jew mill-kuntrattur skond il-kaz u l-kondizzjonijiet ta’ kull avviz jew sinjal kif ikun muri mill-Awtorità;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati kull wiehed mill-imputati, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta' kull wiehed mill-imputati, u fil-kaz ta'l-imputat omissis, l-eta tieghu; huwa fil-fatt ghadu minorenni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 28 u 32(1)(8)tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 184 tal-Kapiotlu 234 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 55 ta'l-Avviz Legali 42 tas-sena 1966 (SL499.01) fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu utikkundanna lill-imputati **Abdul Halim Tajaldin Yahya**, **Mohamed Atum u Adel Matason disgha xhur prigunerija; u** tikkundanna lill-imputat **Omissis erbgha xhur prigunerija**.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**